The Critical Angle
project

Eċċellenza, President ta' Malta, Myriam Spiteri Debono,

Bħala membru tar-raba' pilastru tad-demokrazija, xtaqt l-ewwel nett nirringrazzjak tar-rikonoxximent li inti tajt lil ġurnaliżmu f'Malta fl-ewwel diskors uffiċjali tiegħek.

Huwa propju għalhekk li qiegħed nestendilek din l-istedina għal intervista miegħi fejn nixtieq li, bħala ġurnalist indipendenti li qiegħed nipprova navvanza l-aġenda tas-soċjeta' ċivili li inti għoġbok ukoll issemmi fl-istess diskors ta' wara l-ħatra, finalment ikolli mument opportun sabiex inwassal il-mistoqsijiet tal-poplu għand il-kap tal-istat mingħajr sensazzjonaliżmu jew partiġġjaniżmu.

Jekk tippermettili ftit mill-ħin prezzjuż tiegħek, nixtieq nispjega għaliex nemmen li, avolja l-ewwel diskors li smajna mingħandek kien sors ta' inkoraġġiment għal kull min ilu jissielet kontra l-korruzzjoni, ninsab inkwetat ferm li l-istat ta' impunita' li wassal għal qtil ta' Daphne Caruana Galizia mhux talli għadu magħna iżda talli sar iktar prevalenti matul iż-żmien.

Nista in fatti nirreferik direttament għall-abbuż gravi li osservajt fuq il-midja soċjali tas-sit elettroniku fejn nippublika ix-xogħol ġurnalistiku tiegħi, ftit wara li ppublikajt intervista mal-eks-president tal-għaqda Repubblika, Robert Aquilina.

L-istess tip ta' kliem derogatorju li kien jintuża fil-konfront ta' Daphne Caruana Galizia għadu jintuża illum fil-konfront ta' attivisti bħal Robert Aquilina u ta' ġurnalisti bħali, u huma l-istess persuni li jimmilitaw fil-Partit Laburista li kienu, għadhom, u donnhom ser jibqgħu jippersegwitaw kull min huwa meqjus bħala għadu tal-partit.

Huwa propju fuq dan il-punt fejn forsi nażżarda ukoll insostni li nsibha diffiċli nemmen l-istqarrija li għamilt fl-aħħar parti tad-diskors tiegħek, fejn għidt li temmen li ż-żewġ partiti l-kbar għandhom għal qalbhom il-ġid tal-poplu Malti u Għawdxi.

Involvejt ruħi fl-attiviżmu f'Malta ftit wara li Daphne Caruana Galizia żvelat l-iskandlu tal-Panama Papers. Kelli wieħed u għoxrin sena meta ġurnalista kixfet skandlu li riegħed pajjiż. Kelli tnejn u għoxrin meta qatluha.

Kull ma rajt minn dak il-punt 'l hawn kien diġenerazzjoni tal-kwalita' tal-ħajja b'kull kejl immaġinabbli, proċess li huwa direttament konness mal-kollass tas-saltna tad-dritt f'pajjiżna u l-kwalita' tal-politika li titħaddan mill-partiti l-kbar. Dan l-istat ta' fatt, indubbjament, m'għandix għalfejn ngħarrfek bih jien, għaliex inti diġa' aċċennajt għalih fid-diskors tiegħek.

Huwa b'dan l-isfond bħala premessa li nittama li tikkunsidra tagħtina siegħa minn ħinek sabiex twieġeb id-domandi tagħna.

Filwaqt li ninsabu disposti sabiex nakkomodaw l-iskeda tal-uffiċju tiegħek, ikun idoneu jekk tinfurmawna tkunx disponibbli għall-intervista li tiġi rrekordjata fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju u mxandra fit-tieni ġimgħa tal-istess xahar.

Dan il-perjodu hawn imsemmi jikkoinċidi mal-mitt ġurnata tiegħek fil-kariga ta' President ta' Malta, u b'hekk nemmnu li tkun data sinnifikanti fejn inkunu anke nistgħu niddiskutu t-temi ewlenin li jkunu rilevanti fil-futur immedjat.

Nittama li, minkejja li jiena ġurnalist indipendenti li indubbjament m'għandix l-istess preġju li għandhom il-gazzetti l-kbar tal-pajjiż, xorta waħda tikkunsidra li taċċetta l-proposta umli tiegħi.

Sinċerament, nixtieq inkun naf xi tfisser li tgħix f'pajjiż fejn is-saltna tad-dritt tingħata l-protezzjoni li jixirqilha, u mhux tiġi maħkuma mill-marda tar-regħba, fejn mexxejja tal-istat bħalek tassew jieħdu l-passi meħtieġa biex jissewwew feriti bħal ma' nfetħu meta nqatlet Daphne.

Nemmen li din l-intervista kapaċi tkun pass importanti ħafna f'dan ir-rigward, u b'hekk, nistenna r-risposta tal-uffiċju tiegħek b'antiċipazzjoni ġenwina.

Grazzi tal-ħin tiegħek,
Julian Delia